MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Ġunju, 2003

Numru 90/2002

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta u
Sp Michael Mallia)
vs
Anthony Farrugia, iben Paul,
imwieled Żurrieq fl-24 ta'
settembru, 1961

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-Imsida, fid-29 ta' jannar, 2002, wara nofs in-nhar, bil-qerq, ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza, ikunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi

ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
3. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jikseb għalih iniffsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mezz li jkun ħwejjeġ tagħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' lulju, 2002 li ddikjara li wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 110(1)(2) u 295 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' novembru, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fid-29 ta' jannar, 2001 għal ħabta tal-4.30 p.m. il-pulizija ġiet infurmata li kiem seħħ hold-up fil-fond tas-soċjeta' Anstat Ltd., l-Imsida. Meta l-pulizija marru fuq
il-post u bdew l-indaġini tagħhom saru jafu li l-imputat kien sab lil Carmel Farrugia, id-direttur tas-soċjeta' hawn fuq imsemmija, marbut fuq siġġu bit-tape. L-imsemmi Carmel Farrugia kien fi stat ta' 'shock'.

Illi l-pulizija meta bdew jinvestigaw il-każ bdew jaħsbu li kien hemm xi ħaġa mhux f'lokha f'dan il-każ. Huma ħasbu li dan il-'hold up' kienet montatura.

Illi l-imputat qal lill-pulizija li hu kien telaq mis-'showroom' għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar. Mar għamel qadja l-Mosta u mar lura fil-post imsemmi għal

ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar. Sab is-'shutter' magħluq, ċempel lil Carmel Farrugia fuq il-'mobile' tiegħu iżda ma rrispondhiex. Għalhekk, ċempel lit-tifel ta' Carmel Farrugia, li jismu Rodney, u lill-mara ta' Carmel Farrugia.

Illi ftit wara l-imputat biddel din il-versjoni u qal lill-pulizija li xi ħmistax qabel Carmel Farrugia qallu biex jagħmlu din il-biċċa xogħol. Hu kkolabora mal-pulizija u wera fejn kien ħeba xi affarijiet l-imsemmi Carmel Farrugia. Kien l-imputat li rabat lil Carmel Farrugia bit-tape u wara telaq lejn il-Mosta. L-imputat ikkonferma din
il-versjoni fix-xhieda tiegħu u fost l-afarijiet l-oħra qal li hu għamel din il-biċċa tax-xogħol biex iżomm l-impjieg tiegħu għaliex beża li kien ser jitlef il-post tax-xogħol. L-imputat kien l-uniku impjegat li Carmel Farrugia kellhu u kien ilu miegħu għal dawn l-aħħar għaxar snin.

Illi l-versjoni tal-fatti ġiet konfermata minn mart l-imputat, Maryanne Farrugia li xehdet li l-imputat kien qallha b'din il-biċċa. Hi xehdet li l-pulizija kienu kelmuha u hi qalet lill-pulizija li żewġha kien qallha x'ried jagħmel Carmel Farrugia. Milli jidher il-pulizija ma taw ebda piż lill-affermazzjoni tagħha għaliex ma ġietx mitluba li tirrilaxxa stqarrija formali.

Illi ma tirrizulta eba prova li dak li għamel l-imputat kellhu x'jaqsam ma xi frodi lil xi soċjeta' tal-assikurazzjoni u lanqas li dak li għamel seta' jitfa xi ħtija fuq ħaddieħor. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat b'dak li qal lill-pulizija 'a tempo vergine' iddenunzja reat li kien jaf li ma sarx. Min-naħa l-oħra l-fatt li hu mal-ewwel biddel
il-versjoni u nforma lill-pulizija b'dak li effettivament ġara ser jittieħed in konsider-
azzjoni fil-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni parti tat-tieni akkuża u
tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-ewwel parti tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(2)

tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u li kkolabora mal-pulizija.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------